MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Appell Kriminali Numru. 489/2014

**Il-Pulizija**

**v.**

**Francis Formosa**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Francis Formosa, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 409470(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

(1) fis-16 ta' Novembru għall-ħabta tad-9.00 ta' filgħaxija f'Buġibba limiti ta' San Pawl il-Baħar, kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` proviżorja imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati kif preseduta mill-Magistrat Dott. Antonio G. Vella LL.D. fil-15 ta' Novembru 2012 b'dan li ma jikkommettix delitt ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest u dan taħt garanzija personali ta' €5,000 fost kundizzjonijiet oħra hekk kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti, ai

termini tal-Artikolu 579 (1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi hawn fuq imsemmija, kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` provizorja mposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati kif preseduta mill-Maġistrat Dott. Josette Demicoli LL.D. fl-1 ta' Settembru 2014 b'dan li ma jikkommettix delitt ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest u dan taħt garanzija personali ta' €4,000 fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti ai termini tal-Artikolu 579 (1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena skond il-liġi, tordna r-revoka tad-digrieti li bihom l-imsemmi Francis Formosa ngħata l-ħelsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu, kif ukoll tordna li s-somma globali ta' €9,000 bħala garanzija personali tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mogħtija fil-21 ta' Novembru 2014 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, illiberat lill-imsemmi Francis Formosa mill-ewwel imputazzjoni tal-ksur tal-liberta` proviżorja tal-15 ta' Novembru 2012, filwaqt li sabitu hati tat-tieni imputazzjoni, fejn gie akkuzat li kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` proviżorja maħruġa fl-1 ta' Settembru 2014 u għalhekk irrevokat l-effetti ta' tali digriet tal-ħelsien mill-arrest, ordnat il-konfiska tas-somma ta' €4400 mogħtija bħala garanzija mill-ħelsien mill-arrest, kif ukoll ikkundannatu piena karċerarja ta' tliet xhur;

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Francis Formosa ppreżentat fit-28 ta' Novembru 2014 fejn talab lil din il-Qorti tiddikjara s-sentenza appellata bħala nulla u jekk ikun il-każ tirrimetti lura l-atti lil-Ewwel Qorti sabiex il-kawża tiġi deċiża skond il-liġi jew alternattivament tikkonferma l-ewwel imputazzjoni fejn ġie liberat filwaqt li tħassar, tirrevoka u tikkanċella l-istess sentenza appellata fuq it-tieni imputazzjoni u b'dana li ma ssibux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u minnha tilliberah biex b'hekk tillibera lill-istess appellant minn kull htija, jew alternattivament tvarja l-istess billi tipprovdi piena alternattiva u tvarja l-istess ukoll fejn l-Ewwel Qorti rrevokat il-ħelsien mill-arrest tal-appellant;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li s-sentenza appellata hi nulla għax nieqsa mill-formalitajiet kontemplati fl-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali; (2) li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment issib ħtija fil-konfront ta' l-appellant; (3) li r-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-konfiska tas-somma ta' €4,400 kienu sproporzjonati għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

**6.** Fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2015 l-ewwel u t-tieni aggravji ġew irtirati. Għalhekk din il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom.

**7.** Dwar it-tielet aggravju l-appellant jgħid:

> "... li r-revoka tal-ħelsien mill-arrest tiegħu fiċ-ċirkostanzi kienet miżura estrema u mhux f'waqtha u dana għaliex skond l-artikolu 579 tal-Kap 9 hu diskrezzjonali għall-Qorti jekk tirrevoka jew le l-ħelsien mill-arrest wara sejbien ta' ħtija.
>
> "F'dan il-każ il-ksur tal-kondizzjonijiet kienet waħda li ma teffetwax il-proċeduri ġudizzjarji u għalhekk għandha titqies ta' portata żgħira u għalhekk anki l-pieni inflitti ta' tliet xhur kif ukoll revoka u konfiska tas-somma ta' €4,400 kienet waħda eċċessiv.
>
> "Illi l-artikolu 574 tal-Kodiċi Kriminali li jifforma parti mit-Titolu IV tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Ktieb jgħid testwalment:
>
> **"'... il-Qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li biha jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja.'**
>
> "Illi r-revoka tad-digriet mill-ħelsien mill-arrest huwa fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk għandux jiġi revokat jew le. Illi kieku l-intenzjoni tal-leġislatur kien illi tali helsien mill-arrest jiġi revokat il-legislatur ma kienx jagħmel tali artikolu.
>
> "Fl-appell odjern, l-appellant għandu bħala ħin ta' rinkażar mid-9.00 ta' filgħaxija. Illi huwa fid-9 ta' bil-lejl instab fil-pjazza ta' Buġibba. Illi wieħed jinnota illi l-appellant jirrisjedi ġewwa Burmarrad illi jinstab ftit minuti minn fejn instab l-appellant. Illi dan il-ksur huwa wieħed *de minimis* u għalhekk il-piena mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti kienet waħda esaġerata. Dan jirriżulta wkoll meta wieħed jara l-fedina penali tal-appellant wieħed jara illi m'hijiex waħda refrattarja. Barra minn hekk u mingħajr preġudizzju għas-suespost il-kondizzjonijiet li gew imposti fuq l-appellant u li gew preżentati ma kinux kopja legali iżda biss kopja.
>
> "Illi quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Onor. Imħallef Michael Mallia fil-kawża bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fabio Psaila** (5/2011) ġew iċċitati diversi sentenzi fejn l-imputat f'dawn il-każijiet ingħataw sentenzi oħra iżda mhux konfiska u revoka tal-garanzija illi ingħatat lilu. (vide wkoll **Pulizija vs Italo Grech**, deċiża 14 ta' Diċembru, 2006)."

**8.** Waqt it-trattazzjoni orali ġie ċċarat mid-difiża illi ma kinitx qed tiġi kontestata l-piena ta' priġunerija iżda kienu qed jiġu kontestati l-ordni ta' ri-arrest u l-konfiska tal-garanzija.

**9.** Issa, mill-atti jirriżulta illi b'digriet ta' l-1 ta' Settembru 2014 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fi proċeduri kontra l-appellant, l-istess appellant ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt numru ta' kondizzjonijiet, fosthom li jirtira ġewwa d-dar fejn joqgħod mhux aktar tard mid-9.00 p.m. u ma joħroġx minn hemm qabel it-8.00 a.m. ta' l-għada filgħodu. Fid-9.00 p.m. tas-16 ta' Novembru 2014 instab mill-Pulizija jieħu *drink* mill-Miracles Bar fil-Pjazza ta' Buġibba.

**10.** Is-subartikoli (2) u (3) ta' l-artikolu 579 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdu:

> **"(2) Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sitt xhur, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jista' jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.**
>
> **"(3) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' xi liġi, kull persuna akkużata b'reat kif imsemmi fis-subartikolu (2) għandha tiġi mressqa l-Qorti taħt arrest, u l-Pulizija tkun tista', fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna. Il-proċedimenti għal reat taħt is-subartikolu (2) għandhom jittieħdu mill-Pulizija u jiġu deċiżi mill-Qorti bl-urġenza."**

**11.** L-appellant irid jiġi mfakkar l-ewwelnett illi l-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest mhumiex mogħtija għalxejn, u filwaqt illi l-għan prinċipali tagħhom huwa biex jassiguraw illi dak li jkun jidher il-Qorti kull meta jigi jitlub jaghmel dan, hemm kundizzjonijiet li dwarhom isiru konsiderazzjonijiet oħra, per eżempju biex jiġi assigurat li xhieda ma jiġux avviċinati. Irid jiġi mfakkar ukoll illi d-digrieti tal-Qorti, u f'dan il-każ il-kundizzjonijiet li taħthom ġie akkordat il-ħelsien mill-arrest bid-digriet imsemmi ta' l-1 ta' Settembru 2014 u li huwa obbliga ruħu li joqgħod għalihom bil-firma tad-dikjarazzjoni appożita, għandhom jiġu osservati skrupolożament u *ad litteram*. Naturalment il-piena konsegwenzjali għall-ksur ta' tali kundizzjonijiet għandha tkun proporzjonata għall-ksur.

**12.** Fil-każ deċiż mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Gatt vs Malta** fis-27 ta' Lulju 2010 (finali fis-27 ta' Ottubru 2010) fejn l-imsemmi Gatt kien kiser il-kundizzjoni ta' *curfew* f'okkażjoni waħda u ġie applikat l-artikolu 579(1) tal-Kap. 9 li permezz tiegħu ġie revokat il-ħelsien mill-arrest u

ġie kundannat iħallas il-garanzija totali ta’ €23,300 liema somma ma ħallasx u ġiet konvertita f’detenzjoni skond l-artikolu 586 tal-Kap. 9, dik il-Qorti osservat: ***“The Court observes that Maltese law, in respect of the circumstances in which a bail bond will be forfeited to the Government as a result of a failure to observe bail conditions (Article 579 of the CC), makes no distinction between conditions related to the primary purpose of bail, namely appearance at the trial, and conditions related to other considerations. However, it gave the authorities discretion not to apply the said provision if the breach of conditions was not of a serious nature. In the present case, where the condition breached referred to a curfew and was not connected to the primary purpose of granting bail, the Court has difficulty in understanding the authorities’ decision to apply the relevant Article.”***

**13.** Fil-każ odjern, fejn l-appellant tressaq akkużat bir-reat kontemplat fis-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 579, bħal fil-każ **Gatt vs Malta**, si trattava ta’ ksur ta’ *curfew*, fejn l-appellant instab barra darba fid-9.00 p.m., cioe` fil-ħin li suppost kellu jinstab id-dar. Huwa ġie kkundannat tliet xhur priġunerija. L-ewwel Qorti għażlet li teżerċita d-diskrezzjoni tagħha billi ukoll tirrevoka d-digriet ta’ ħelsien mill-arrest u tordna l-konfiska tas-somma ta’ €4,400.

**14.** Jirriżulta illi l-appellant kien ilu biss xahar u tliet ġimgħat li kien ingħata l-ħelsien mill-arrest meta għoġbu jonqos milli josserva l-*curfew*. Mill-fedina penali aġġornata tiegħu jidher, almenu *prima facie*, illi huwa kien instab ħati fuq ksur simili f’okkażjoni oħra – sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tas-6 ta’ Ġunju 2013 fejn ġie kkundannat multa ta’ €600. Jiġifieri l-appellant kien jaf illi bil-ksur ta’ xi kondizzjoni tal-ħelsien mill-arrest kien qiegħed jikkommetti reat u kien hemm konsegwenzi għal tali ksur, apparti milli wera non-kuranza għal digriet tal-Qorti. Għalhekk l-ewwel Qorti kienet ġustifikata illi tinfliġġi l-piena ta’ tliet xhur priġunerija. Fl-istess ħin, kif diġa` ngħad, irid jinżamm sens ta’ proporzjonalita`. Hawn din il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta’ April 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Jesmond Borg) v. Kevin Gatt**:

> **“Is-subartikoli (2) sa (4) tal-Artikolu 579 – introdotti, kif inghad, permezz ta’ l-Att XVI ta’ l-2006 – biddlu s-sitwazzjoni billi, oltre ghall-procedura stabbilita fis-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 579, introducew procedura gdida. Illum il-ksur ta’ kundizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet li bih tkun tat il-helsien mill-arrest <u>jammonta wkoll ghal reat</u>. Bhal f’kull reat il-konsegwenza hija piena. Din il-piena tista’ tkun jew dik biss indikata fis-subartikolu (2) – multa jew prigunerija, jew multa u prigunerija flimkien – jew tista’ tinkludi wkoll it-telfien tal-helsien mill-arrest (<u>izda mhux il-konfiska tas-somma</u>) fil-proceduri li fihom il-hati jkun inghata l-helsien mill-arrest preventiv. Jinghad “tista’” ghax il-legislatur ta l-fakolta` lill-Pulizija li meta jressqu lill-imputat jew akkuzat – dan irid jitressaq dejjem taht arrest – talli kiser xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti mill-qorti, huma jistghu wkoll jitolbu “<u>fl-</u>**

> **<u>istess procedimenti</u>…ir-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid ta' dik il-persuna" (sottolinear ta' din il-Qorti). U jaghmel hafna sens li jkun hemm dik il-fakolta` ghax filwaqt li kull ksur ta' kundizzjoni tal-qorti, zghir kemm ikun zghir dak il-ksur, jammonta wkoll ghal reat, ghar-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid tal-persuna in kwistjoni jibqa' dejjem applikabbli l-proviso tas-subartikolu 579(1). Fi kliem iehor, jista' jkollok sitwazzjoni fejn l-imputat jew akkuzat li kien inghata l-helsien mill-arrest jinstab hati ta' ksur ta' kundizzjoni mposta mill-qorti u jinghata l-piena skond il-ligi, izda, minhabba li l-ksur tal-kundizzjoni ma tkunx ta' konsegwenza serja, ma jkunx hemm lok ghar-revoka tal-helsien mill-arrest. Kjarament il-legislatur qed jikkontempla bhala "piena" addizzjonali ghar-reat ta' ksur ta' kundizzjoni tal-qorti – u meta jittiehdu l-proceduri skond is-subartikoli (2) u (3) ta' l-Artikolu 579 – ir-revoka tal-helsien mill-arrest bil-konsegwenti arrest mill-gdid."**

**15.** Fil-każ in eżami, meqjusin dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti ma tqisx illi kien hemm lok tal-piena "addizzjonali" tar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u tal-konfiska tal-garanzija (li, minbarra l-konfiska tas-somma depożitata ta' €400 kien jimporta wkoll il-konfiska tas-somma ta' €4,000 li, jekk l-appellant ma jħallasx, kienet tiġi konvertita f'sitt xhur detenzjoni skond il-*proviso* ta' l-artikolu 586 tal-Kap. 9).

**16.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu rrevokat l-effetti tad-digriet tal-ħelsien mill-arrest ta' l-1 ta' Settembru 2014 u ordnat il-konfiska tas-somma ta' €4,400 mogħtija bħala garanzija għall-ħelsien mill-arrest, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------